MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 550/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-seba ta’ Ottubru tas-sena elf disa mija erbgha u disghin (1994);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Margaret Haywood datat 18 ta’ Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dan hekk kif jidher mill-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u l-esponenti llum jghix hajja totalment separata minn ma l-intimata u sahansitra fforma rabtiet u familja ma terza persuna;

Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ghall-izjed minn erba snin u dan hekk kif jidher anke minn Dok. A;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut kemm minn parti lil ohra u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni Dok A;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija, jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju skont l-Artikou 66B ta’ Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Settembru 2003;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------